Dan l-avviż fil-website TED https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:79564-2014:TEXT:MT:HTML

**il-Belġju-Brussell: Sejħa għal espressjonijiet ta' interess EACEA/2013/01 biex titħejja lista ta' esperti biex jgħinu lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fil-qafas tal-immaniġġar tal-programmi tal-Unjoni Ewropea**
**2014/S 048-079564**

**Tiswija**

***(Is-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, tal-14.9.2013, 2013/S 179-308003)***

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, avenue du Bourget 1, 1049Brussels, IL-BELĠJU. Email: eacea-info@ec.europa.eu

**Minflok**

2. L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:
L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, avenue du Bourget 1, 1140 Brussels, IL-BELĠJU.
[...]
3. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni:
[...]
L-applikanti qegħdin jintalbu biex jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom skont l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sit tal-Internet imniżżel hawn fuq.
Flimkien mal-formola tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti għandhom jipprovdu xhieda ...
6. L-użu tal-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż:
Il-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż se tintuża biss għax-xogħlijiet li se jitwettqu bħala parti mill-oqsma mfissra fis-7 punt, u l-ogħla limitu hu ta' EUR 130 000 (l-ogħla ammont għal kull espert għal matul iż-żmien kollu tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Din ir-regola għandha x'taqsam biss mal-ħlasijiet li jsiru skont il-formoli tal-ordni li jinħargu mill-Aġenzija) tal-pagamenti kollha (li jinkludu kemm il-ħlasijiet lil min jagħmel ix-xogħol u l-ispejjeż li jintraddu lura).
7. It-tifsira sħiħa tal-oqsma koperti mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt qiegħda tniedi din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess biex tħejji lista ta' esperti biex jgħinu fit-twettiq tax-xogħlijiet li ġejjin:
[...]
c) Studji speċifiċi u bosta analiżi marbuta mal-oqsma ta' attività.
d) It-traduzzjoni jew l-editjar ta' dokumenti bil-lingwi meħtieġa.
e) Appoġġ lill-Aġenzija waqt avvenimenti pubbliċi.
f) Kull xogħol ieħor marbut mal-programmi mmaniġġati mill-Aġenzija.
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt jista' jkollha l-ħtieġa ta' kompetenza esterna ...
12. Il-kondizzjonijiet tal-ħlas u l-ħlas lura ta' spejjeż lill-esperti:
[...]
12.2. Il-ħlas lura ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż ta' akkomodazzjoni:
Jekk meħtieġ għat-twettiq tax-xogħlijiet u basta li dan ikun hemm provvediment għalihom fil-kuntratt, l-espert magħżul ser jirċievi ħlas lura għall-ispejjez tiegħu/tagħħa għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni bir-rati applikati mill-Kummissjoni Ewropea kif indikati fl-abbozz tal-formola tal-ordni u fuq il-bażi ta' dokumenti oriġinali li jsostnu (e.g. fatturi).
[...]
13. Tagħrif ieħor:
[...]

13.6. Trasparenza 'Ex post':
[...]
Dawn id-dettalji jinkludu l-isem, il-post (l-indirizz għall-persuni legali u r-regjun tal-oriġni għal persuni naturali), l-ammont, u s-suġġett tal-kuntratt. Għall-persuni naturali, l-informazzjoni se titneħħa sentejn wara li tgħaddi s-sena li fiha jingħata l-kuntratt.

**<u>Aqra</u>**

2. L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:
L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, avenue du Bourget 1, 1049 Brussels, IL-BELĠJU.
[...]
3. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni:
[...]
L-applikanti qegħdin jintalbu biex jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom skont l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sit tal-Internet imniżżel hawn fuq. sabiex l-applikazzjonijiet ikunu aċċessibbli għas-servizzi rilevanti għall-għajnuna ta' esperti, it-taqsimiet kollha għandhom ikunu aġġornati u kompluti. Oqsma ta' kompetenza u esperjenza professjonali għandhom ikuni ddettaljati u dokumentati sewwa. Applikazzjoni titqies li tkun kompluta meta din tkun ikkonfermata bħala valida fis-sistema tal-ipproċessar elettroniku.
Flimkien mal-formola tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti għandhom jipprovdu xhieda ...
6. L-użu tal-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż:
Il-lista li titħejja permezz ta' dan l-avviż se tintuża biss għax-xogħlijiet li se jitwettqu bħala parti mill-oqsma mfissra fis-7 punt, u l-ogħla limitu hu ta' EUR 130 000 (l-ogħla ammont għal kull espert għal matul iż-żmien kollu tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Din ir-regola għandha x'taqsam biss mal-kuntratti li jinħargu mill-Aġenzija) tal-pagamenti kollha (li jinkludu kemm il-ħlasijiet lil min jagħmel ix-xogħol u l-ispejjez li jintraddu lura).
7. It-tifsira sħiħa tal-oqsma koperti mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt qiegħda tniedi din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess biex tħejji lista ta' esperti biex jgħinu fit-twettiq tax-xogħlijiet li ġejjin:
[...]
ċ) Għajnuna fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet immaniġġjati mill-Aġenzija.
d) Għajnuna lill-Aġenzija billi jkunu pprovduti opinjonijiet u pariri f'każi speċifiċi.
L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt jista' jkollha l-ħtieġa ta' kompetenza esterna ...
12. Il-kondizzjonijiet tal-ħlas u l-ħlas lura ta' spejjeż lill-esperti:
[...]
12.2. Il-ħlas lura ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż ta' akkomodazzjoni:
Jekk meħtieġ għat-twettiq tax-xogħlijiet u basta li dan ikun hemm provvediment għalihom fil-kuntratt, l-espert magħżul ser jirċievi ħlas lura għall-ispejjez tiegħu/tagħħa għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni skont ir-regoli u r-rati applikati mill-Kummissjoni Ewropea kif indikati fl-abbozz tal-kuntratt u fuq il-bażi ta' dokumenti oriġinali li jsostnu (e.g. fatturi).
[...]
13. Tagħrif ieħor:
[...]
13.6. Trasparenza 'Ex post':
[...]
Dawn id-dettalji jinkludu l-isem, il-post (l-indirizz għall-persuni legali u r-regjun tal-oriġni għal persuni naturali), l-ammont, u s-suġġett tal-kuntratt. Għall-persuni naturali, l-informazzjoni se titneħħa sentejn wara li tgħaddi s-sena li fiha jingħata l-kuntratt.
13.7. Komunikazzjoni bejn l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt u l-esperti:

Il-bdil ta' komunikazzjonijiet mal-esperti, li jinkludu l-konklużjoni ta' kuntratti għall-ħatra tagħhom u xi amendi marbutin ma' din, se jitwettqu permezz ta' sistemi ta' bdil ta' tagħrif elettroniku stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 287(4) tar-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012.
Meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom permezz tal-websajt imsemmija fis-sejħa, l-esperti jaqblu li jaċċettaw l-użu tas-sistema ta' bdil ta' informazzjoni elettronika għal interazzjonijiet mal-Aġenzija jew korp rilevanti li qed jiffinanzja.
Il-komunikazzjonijiet kollha magħmula permeżż tas-sistema ta' bdil ta' informazzjoni elettronika (inkluż l-iffirmar ta' kuntratti, amendi, notifikazzjonijiet, talbiet għal pagamenti, eċċ.) huma kkunsidrati ekwivalenti għal komunikazzjonijiet magħmula permezz ta' dokumenti stampati, se jkunu ammissibbli bħala xhieda fi proċeduri legali, se jitqiesu bħala oriġinali tad-dokumenti u se jgawdu mill-presunzjoni legali tal-awtentiċità u l-integrità. basta li ma jkunx fihom xi karatteristiċi dinamiċi li jkollhom il-ħila biex ibiddluhom awtomatikament. Il-firem elettroniċi se jkollhom effett legali ekwivalenti ta' firem miktubin bl-idejn.